**27 ta' Frar, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Salvu Busuttil

*versus*

Veneranda Busuttil armla ta' Toni Busuttil *et*

## Stadju ta' Appell - Produzzjoni ta' Dokumenti

*Skond l-art. 144 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet ta' parti jew l-eċċezzjonijiet ta' oħra għandhom, jinġiebu mal-petizzjoni ta' l-appell jew mat-tweġiba u l-art. 149 ta' l-imsemmi Kodiċi jistabbilixxi tassattivament il-każijiet meta jkunu jistgħu jinġiebu dokumenti li ma jkunux hekk inġiebu mal-petizzjoni jew mat-tweġiba.*

*A rigward l-inċiż (b) ta' l-art. 149 (1) kien kemm-il darba deċiż li n-neċessità jew utilità hemmhekk imsemmija hija dik li tinħoloq fit-tieni istanza, għax jekk kienet diġà teżisti fl-ewwel istanza, allura mhux il-każ.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; premess illi l-attur kien silef lil Toni Busuttil, żewġ il-konvenuta Veneranda Busuttil, u missier il-konvenuti l-oħra kollha, matul iż-żwieġ is-somma ta' erba' mitt lira maltija (Lm400) minn liema somma l-konvenuti ħallsu lill-attur is-somma ta' mitejn u disgħin lira maltija (Lm290) wara l-mewt ta' l-imsemmi Busuttil; u premess illi l-istess konvenuti qed jirrifjutaw li jħallsu l-bilanċ ta' Lm110; u premess illi b'ittra uffiċjali tat-23 ta' Lulju, 1976 l-attur interpella l-konvenuti għall-ħlas u avżahom li hu kien qed jippretendi l-interessi fuq l-istess somma; talab li l-istess konvenuti jkunu kkundanati minn dik il-Qorti li jħallsu lill-attur is-somma ta' Lm110 flimkien ma' l-imgħax legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra uffiċjali; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew li wara l-mewt ta' Antonio Busuttil huma ħallsu lill-attur is-somma bilanċjali ta' Lm290 f'diversi pagamenti a saldu; b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-10 ta' Jannar, 1978, li laqgħet it-talba ta' l-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, inkluzi l-imgħax kif mitluba bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, wara li kkunsidrat:-

*Omissis*;

Rat il-petizzjoni tal-konvenuti li appellaw min dik is-sentenza u talbu lil din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza u tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż kollha kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat li ssottometta illi s-sentenza appellata hija ekwa u ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Kif jirriżulta mill-verbal ta' l-24 ta' April, 1981, quddiem din il-Qorti, l-appellat, permezz tad-difensur tiegħu, talab li jesebixxi dokument li ġie f'idejh f'dak l-istadju tal-kawża u li huwa kopja fotostatika ta' parti mid-denunzja tas-suċċessjoni ta' Antonio Busuttil;

Permezz ta' l-istess verbal l-appellanti, permezz tad-difensur tagħhom, opponew ruħhom għal din it-talba, l-ewwelnett għaliex dan m'huwiex l-istadju li jinġiebu provi ġodda; u t-tieni nett għaliex l-allegat dokument suppost li huwa parti mid-denunzja ta' Antonio Busuttil u huma ma awtorazzaw lil ħadd biex jieħu kopja tagħha jew ta' parti minnha;

Skond l-artikolu 144 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili d-dokumen.. li jkunu jsaħħu t-talbiet ta' parti jew l-eċċezzjonijiet ta' oħra għandhom jinġiebu mal-petizzjon jew mat-tweġieba, u *l-artikolu* 149 *ta'* l-imsemmi Kodiċi jistabbilixxi tassattivament il-każijiet meta jkunu jistgħu jinġiebu dokumenti li ma jkunux hekk inġiebu mal-petizzjoni jew mat-tweġiba;

*Fil-każ in eżami*, minn imkien ma jirriżulta li l-attur appellat, għalkemm għamel ħiltu, *ma* setax *ikollu* d-dokument qabel il-preżentata ta' l-att li miegħu kien imissu jinġieb, u għalhekk l-inċiż (a) ta' l-imsemmi artikolu *149 (1) ma* japplikax. M'hemmx il-kunsens, anzi hemm l-oppożizzjoni tal-parti l-oħra, u għalhekk l-anqas ma japplika l-inċiż (c). Ma jistax jingħad li l-appellat *ma kienx jaf* bid-dokument in kwistjoni, il-għaliex huwa stess, fix-xhieda tiegħu tat-8 ta' Marzu, 1977, quddiem l-ewwel Qorti (fol.15) jgħid *li wara li miet* ħuh kien mar mal-konvenut Lawrence Busuttil fl-uffiċċju tad-denunzja u "hemmhekk iddikjarajna li għandi nieħu erba' mitt lira maltija (Lm400) ...... Iffirmajna karta f'dan is-sens u ħadt il-ġurament jien ukoll", u barra minn hekk l-ebda prova ma saret li l-istess appellat ipprova li jġib id-dokument bil-mezzi li tagħti l-liġi fiż-żmien li jmiss. Għalhekk, l-anqas l-inċiż (d) ta' l-istess artikolu ma huwa applikabbli. L-inċiż (e) u (f) m'humiex rilevanti għall-każ in eżami. A rigward ta' *l-inċiż* (b), ġie kemm-

il darba deċiż li n-neċessità jew l-utilità hemmhekk imsemmija hija dik li tinħoloq fit-tieni istanza, għax jekk kienet diġà teżisti fl-ewwel istanza, allura mhux il-każ (Appell Inferjuri 20 ta' Marzu, 1954 - Vol. XXXVIII.I.382, u ġurisprudenza hemm iċċitata). M'hemmx għal fejn jingħad li n-neċessità u l-utilità li l-attur jipprova l-kreditu tiegħu kienet teżisti sa mill-bidu nett tal-proċeduri;

Bla ma hemm bżonn, għalhekk, li jiġu kkunsidrati aspetti oħra tal-kwistjoni li jirrigwardaw id-dokument partikolari li l-produzzjoni tiegħu ġiet mitluba f'dan il-każ, jidher biżżejjed ċar li t-talba għall-produzzjoni ta' l-istess dokument magħmula bl-imsemmi verbal ta' l-24 ta' April, 1981, ma tistax tiġi milqugħa u għandha tiġi, kif effettivament qiegħda tiġi miċħuda, bl-ispejjeż relattivi kontra l-attur appellat.